

L-EDPB kif jiżgura drittijiet armonizzati għall-protezzjoni tad-data għal madwar 30 pajjiż?

L-EDPB għandu tliet kompiti ewlenin:

- jipprovdi gwida ġenerali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;
- jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar leġiżlazzjoni ġdida meta tkun ta' importanza partikolari għad-drittijiet u l-libertajiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi; u
- jadotta deċiżjonijiet ta' konsistenza u opinjonijiet dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' xi awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għandhom impatt transkonfinali.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) huwa korp indipendenti tal-UE bil-għan li jwassal għal applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. L-EDPB jiġbor flimkien l-Awtoritajiet Superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, u l-kontrollur għall-protezzjoni tad-data tal-istituzzjonijiet tal-UE (KEPD). Il-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll id-dritt li tipparteċipa fix-xogħlijiet tiegħu. Permezz ta' dan, l-EDPB jgħin biex jiżgura li kulħadd fl-Ewropa jgawdi l-istess drittijiet tal-protezzjoni tad-data, irrispettivament minn fejn jgħix.

1. Peress li l-GDPR għandha rilevanza wkoll f'dawk it-3 pajjiżi, tkopri ż-“ŻEE”. Kull darba li nirreferu għall-“UE”, għandha tintfiehmem bħala “ŻEE”, għalhekk tkopri wkoll dawk it-3 pajjiżi.

L-EDPB: Il-garanzija tal-istess drittijiet għal kulħadd



Kif il-Punt Uniku ta' Servizz jaħdem għalik

Gianna, Pietro u Marco jemmnu li kumpanija privata kisret id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tagħhom (u d-drittijiet ta' bosta individwi oħra tal-UE) b'mod kbir billi kkondiviet id-data personali tagħhom ma' partijiet terzi mingħajr l-ebda bażi ġuridika biex tagħmel dan. Il-grupp ta' individwi jixtiequ jilmentaw dwar il-kumpanija, madankollu, huma kollha bbażati madwar l-Italja, u l-istabbiliment ewlieni tal-kumpanija jinsab fi Stokkolma, l-Iżvezja.

B'xorti tajba, il-GDPR toffrilhom il-possibbiltà li jressqu ilment mal-Awtorità Superviżorja Taljana għall-Protezzjoni tad-Data.

Permezz tal-**"Punt Uniku ta' Servizz,"** l-Awtorità Superviżorja Taljana ("l-Awtorità Superviżorja Kkonċernata") tista' titlob lill-Awtorità Superviżorja Żvediża biex tinvestiga l-ilment. Peress li huwa kkonfermat li bosta individwi oħra madwar l-Ewropa kollha huma affettwati mill-azzjonijiet tal-kumpanija Żvediża, l-Awtorità Superviżorja Żvediża tiegħu r-rwol ta' "Awtorità Superviżorja Ewlenija".

L-Awtorità Superviżorja Żvediża se tikkoopera mal-Awtorità Superviżorja Taljana u ma' kull awtorità kompetenti oħra. L-Awtorità Superviżorja Żvediża mbagħad tasal għal deċiżjoni kontra l-kumpanija. L-Awtorità Superviżorja Taljana tinforma lil Gianna, Pietro u Marco bil-lingwa tagħhom stess bid-deċiżjoni li nħarġet mill-Awtorità Superviżorja Żvediża.

Madankollu, jekk minflok, l-awtoritajiet ikkonkludew li l-kumpanija tabilħaq ma kisritx il-GDPR, l-Awtorità Superviżorja Taljana tadotta deċiżjoni biex tiċġad jew tirrifjuta l-ilment. Jekk Gianna, Pietro u Marco ma jaqblux, jistgħu - bis-saħħa tal-punt uniku ta' servizz - joġġezzjonaw għad-deċiżjoni mil-huqa mill-Awtoritajiet Superviżorji quddiem qorti fl-Istat Membru tagħhom u b'hekk bil-lingwa nattiva tagħhom.

Fl-aħħar, f'każ li l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar kors ta' azzjoni xieraq - l-Awtorità Superviżorja Żvediża tissottometti l-kwistjoni lill-EDPB. Hemmhekk, wara li l-kwistjoni tkun ġiet analizzata aktar, l-EDPB jivvota biex tintlaħaq deċiżjoni vinkolanti li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet.

Il-punt uniku ta' servizz jgħin lill-individwi jiddefendu d-drittijiet tagħhom, irrispettivament minn fejn jgħixu fl-Ewropa.

Fil-każ li l-Awtoritajiet Superviżorji Kompetenti ma jilhqax kunsens, l-EDPB jadotta **deċiżjoni vinkolanti** biex isolvi t-tilwima.

Barra minn hekk, l-EDPB joħroġ **opinjonijiet ta' konsistenza** dwar xi abbozzi ta' deċiżjonijiet imħejjija mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej, li għandhom effetti transkonfinali (eż. fuq sett ġdid ta' kuntratti standard jew fuq kodiċijiet ta' kondotta). L-EDPB jista' wkoll joħroġ opinjonijiet ta' konsistenza dwar kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali tal-GDPR, jew kwalunkwe kwistjoni li tħalli effett fuq aktar minn Stat Membru wieħed. Dan ix-xogħol għandu l-għan li jiżgura l-konsistenza tax-xogħol tar-regolaturi nazzjonali.

Gwida Ġenerali

L-EDPB joħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet biex jippromwovi ftehim komuni tal-liġijiet Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data. L-EDPB jiċċara d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data, u jagħti interpretazzjoni uniformi tad-drittijiet u l-obbligi.

Rwol Konsultattiv għall-Kummissjoni Ewropea

L-EDPB jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-data personali u mal-leġiżlazzjoni proposta ġdida b'impatt importanti fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni tad-data. Billi jagħmel dan, l-EDPB jiżgura li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE tħares l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data.

Konsistenza u Punt Uniku ta' Servizz

Taħt il-GDPR, l-infurzar huwa r-responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali (SAs). Kull Stat Membru tal-UE għandu l-awtorità superviżorja indipendenti tiegħu stess, li tissorvelja l-applikazzjoni tal-GDPR, inkluż l-indirizzar tal-ilmenti. Għall-ipproċessar tad-data li jseħħ f'bosta pajjiżi tal-UE, il-GDPR jipprovdi sistema ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji kompetenti, li jikkooperaw fiha sabiex jilhqax kunsens. Dan il-mekkaniżmu ta' "punt uniku ta' servizz" huwa ddisinjat biex inaqqas il-piż amministrattiv għall-organizzazzjonijiet u jagħmilha aktar sempliċi għall-individwi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mill-bażi tas-servizz tagħhom.



edpb

edpb

